KUNSILL LOKALI
QALA

MINUTI LAQGHA NUMRU 39
TAL-KUNSILL LOKALI QALA

It-Tlieta, 30 ta' Gunju, 2026.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum It-Tlieta, **30 ta' Gunju**, 2026, fil-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Rene Abela – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Meilak – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):
Noel Mizzi – Vici Sindku

Uffiċjal Preżenti:
Jevon Attard - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

39.1 Talba
39.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;
39.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti
39.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti
39.5 Komunikazzjoni mis-Sindku
39.6 Amministrazzjoni tal-pagna tal-Kunsill ta' facebook.
39.7 School Granny Approval. – Ms Helen McOmish
39.8 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti
39.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera
39.10 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippreseda l-laqgħa li bdiet fl-4.07 ta' filghaxija

39.1 Talba;

39.1.1 Talba fil-bidu tal-laqgħa.

39.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

39.2.1 Inqrat l-ittra ta Apologija li ircivejna minghand il Vici Sindku, minhabba inpenji ta xoghol (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

39.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti

39.3.1 IS SE spjega li minhabba problemi tekniċi fil laptop il minuti ser jiġu preżentati fil laqgha li jmiss. Talab ghal approvazzjoni u giet aċċettata.

39.3.2 Il kunsilliera Valerie dahlet ghal laqgha fil 4.09.

39.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

39.4.1 L-iskeda tal-pagamenti ġiet iċċirkolata minn qabel u għalhekk ittieħdet bħala moqrija. Ġew approvati unanimament minn dawk prezenti.

39.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.5.1 Is-Sindku beda billi qal li attività li saret nhar il-Hadd, 28 ta' Ġunju, li kienet imsejħa emergency servies community day, kienet suċċess kbir u kellna attendenza sabiħa. Irringrazzja lil istaff tal kunsill ghal hidma kbira li wettqu. Qall li l unika nota negattiva kienet is shana u li darba ohra issir f April jew Mejju meta it temp ikun jippermetti.

39.5.2 Is-Sindku kompla li bdew il-preparamenti ghal Hondoq by night, u li tnaddfet il-bajja minn gebel iz-zghir. Irringrazzja lill- ministeru ghal ghawdex li provda l-haddiema ghat tindif generali li sar ta' Hondoq specjalment wara d-distruzzjoni li kien hemm minn Storm Harry. Zied li bhalissa wkoll qed jizbghu t-toilets ta' Hondoq fejn anke provdew z-zebgha u materjal ghal dan ix-xoghol. Inbidlu l-maggoranza ta' puggamani u saru stainless steel u anke sar mill-gdid ir-railing li hemm mal-blat biex jkun ta' ghajnuna ghal dawk li jbatu biex johorgu mill-bahar.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

39.5.3 IS Sindlu semma attivita ohra li kienet inizjattiva tal-vici sindku bl isem ta Super Splash Sports Day li ser issir ghal ewwel darba fit-12 ta' lulju fil-ground tal-football. Tenna li kien hemm wisa ghal-80 u li intlew mill ewwel. Peress li kien hemm talba ghal ohrajn biex jattendu, saret talba lil organizzatur u accetta li jzid 20 tfal ohra. Dawn regew intlew mal-ewwel.

39.5.4 Is Sindku kompla li f hondoq regghet saret l-attivita ta' spin. Din issir kull sena u l-kunsill kull ma jipprovdi biss huwa l-permess

39.5.4 Is Sindku kompla bill qal li lis s-street sweeper qeghda tintuza kwazi kuljum u diga qed jinhass l-ammont ta' tindif li jista jitwettaq f'hafna inqas hin. Qal li ghadna ma dorniex il-Qala kollha pero dalwaqt inkunu ghaddejna minn kullimkien.

39.5.5 Is Sindku kompla li l-ġimgħa l-oħra, ħalla din id-dinja s-Sur Paul Fenech, li kellu konnessjoni kbira mal-Kunsill u li ħadem ħafna biex jgħinna. Snin ilu kien introdućieh mas-Sur Angelo Giochetti, u permezz ta' din il-konnessjoni rnexxielna nakkwistaw l-ammont ta' €150,000 sabiex saru ħames konferenzi madwar l-Ewropa, waħda minnhom fil-Qala. Hu zied li dejjem sab il Paul Fenech ta ghajnuna u li kien raġel ta kelma. Zied li tella post fuq facebook jaghti l kondoljanzi f isem il kunsill u qal li ta min jibghat ittra lil martu Winnie bhala turija ta rispett. Dawk preżenti qablu dwar dan.

39.5.6 IS Sindku kompla li twahhlu diversi tabelli madwar il-Qala mill haddiema tal-kunsill.

39.5.7 Is Sindku zied li Triq San Guzepp qorbot biex tinfetah. Qal li sar ammont kbir ta' xoghol. Kif titlesta din iz-zona nergghu nibdew nghalqu il-pjazza u l-madwar bhas-snin ta' qabel.

39.5.8 Is Sindlu qal li t Tender tal Progett tas Salib issa gie ippublikat u li jispera li jkun hemm interess u japplikaw ghat xoghol.

39.5.8 Is Sindlu ghalaq l jinsab kuntent li x-xtieli li ghazlilna l-espert ghal-klima taghna u li hawwilna din ix-xitwa f'partijiet differenti madwar il-Qala jidru li qabdu sew. L-unika post li jidher li hadu kedda kbira din ix-xitwa huma dawk li hemm fil-belveder. Zied jghid li kull xitla li hawwilna madwar il-Qala tajnihom is-sustanzi u jissaqqew mill-inqas darba fil-gimgha. Dawn kollha ingabu b'xejn mill-mixtla tal-gvern.

39.6 Amministrazzjoni tal-pagna tal-Kunsill ta' facebook.

39.6.1 Is SE ressaq mozzjoni li ressaq il kunsillier Karl Buttigieg dwar l amministrazzjoni tal paġna tal Kunsill fejn fil laqgha preċedenti Karl Buttigieg kien talab li titressaq ic ċirkulari li kien hemm dwar l amministrazzjoni tal paġna ta facebook. Is

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

ċirkulari fuq is social media, fejn jinghad li l r responsabilita tal paġna tal face book ghanda tkun tas Sindku u tas SE. Tkompli billi tghid li amministratur tal paġna ghanda tkun dik il persuna maghzula u approvata mill Kunsill Lokali. Karl talab li l persuna li ghanda tkun l amministratur ghandu ikun is Segretarju u ghalhekk intalab il vot. Is Snr Valerie qablet ma Karl bis Segretarju ikun l amministratur tal paġna. Is sindku saqsa lil kunsillier Rene jekk jaqbilx li l paġna ghanda tkompli titmexxa kif inhi fejn wiegbu li ma ghandu xejn kontra kif inhi. Hawn ma inqalet kwoistjoni illi il mozzjoni mhux kif inhi sejra il paġna imma il mistoqsija kienet cara, 'Min ghandu jkun l amministratur uniku tal paġna ta facebook' Il Kunsilliera talbet li SE biex jghid hu il mistoqsija li ghanda tirrifletti din il kwistjoni ta persuna unika. Is Sindku saqsa lil Rene lil min irid bhala persuna fejn qal li ghalkemm jinsab kuntent kif inhi imma jekk ikollu jghazel persuna wahda jghazel lis Segretarju. Ghalhekk il mozzjoni ghaddiet tlieta (3) kontra wiehed (1) li l amministratur kellu jkun is SE.

ZIEDA wara l laqgha No 9.42 *Il kunsillier Karl gibed l attenzjoni li f din l Item ma kienx hemm mizjud kif ivvota is Sindku Paul Buttigieg dwar l Amministrazzjoni tal-Pagna ta Facebook. Il Vot tas Sindku kien; li ikompli jamministra il-pagna hu. Il kunisllier Karl qal li is sinkdu infazizza li ghalkemm ittiehed dan il vot, li minnhu is SE ghandu ikun il persuna unika li timmanigja l-pagna ta' facebook, hu (is sindku) mhux ha jaccetta dan il vot u li ha jibqa kollox kif inhu. Il Kunsillier qal li dan il paragrafu ghadu jinzied mal-minuti precedent ghax ghandu relevanza.*

39.7 School Granny Approval. – Ms Helen McOmish

39.7.1 IS SE ressaq ghal approval ta lis School Granny li bhalissa hi Ms Helem McOmish. Il Kunisllieri preżenti qablu li ghanda terga tkun l istess persuna.

39.8 Korrispondenza, Materji Amministrattivi, Lmenti u Suġġerimenti

39.8.1 IS SE ressaq talba ta No Objection sabiex l Ghaqda tan Nar tahraq il nar ta l ajru. Il kunsill qabel unanimament basta tkun segwita l ligi.

39.8.2 Is SE resaq emejl mill ghadqa tan nar dwar hux ser isir l istess bhas snin l ohra rigward tindif waqt il festa. Il kunsilliera qablu li jsir l istess bhas snin preċedenti. I

39.8.3 Is SE ressaq talba minn reġjun Ghawdex fuq Group ta 10 titfal mill ukrajna li ser jiġu gimgha Ghawdex u jekk il kunsill tal Qala hux interessat li jorganizza nofs ta nhar ta attivitajiet lil dawn it tfal milqutin bil gwerra. Il kunsill qabel unanimament. Intghazlet il 31ta Awwissu wara nofs in nhar billi kienet l unika nofstanhar li kien baqa. Il kunsilleira Valerie qalet li ghanda tintuża il van tal kunsill u li hi lesta li tinżel bil karozza taghha ghal bqija tat tfal. Tranport, suppost, ser ikun approvat mir Regjun.

39.8.4 is SE ressaq Email tas Sn ir RS minn triq ir Rebha fejnn talbet biex il food truck ta l ikel jitnehhew min din it triq waqt il granet tal festi. Hi talbet li jekk dan ma

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

jkunx possibbli ta lanqas it triq u il bankini jiġu powered washed wara l festa. Il kunsillier Karl semma li importanti li din titlesta minhabba l fl 1 ta Lulju irid jinhareg l armar tal festa. Is sindku qal li suppost din ser tkun lesta ta dan in nhar. Dwar il vannijiet fi triq ir Rebha sar qbil li hu diffiċli li dawn il vannijiet jimxu ghal post iehor. Sar qbil minn dawk preżenti li ghandhom jitpoġġew diversi rubbish bins u wara l festa tinghata hasla bil power wash. Is sindku qal li minn jiġi bi truck ghandu ihallas €10 bhala fee biex wera tinhsel l art.

39.08.5 IS SE ressaq emejl tal KFGM. Hawn il kunsillier Karl hareg mil laqgha minhabba kunflitt ta interess. It talba kienet dwar loghob fil ġurnata tat tfal. Talbu t talba ta €500 li tkopri ikel xorb u loghob ghat tfal tal Qala fil festa. Kien hemm qbil.

39.08.6 Il kunsillier Rene ressaq talba ghal No Objection minhabba t tiġrija taz Zwiemel u li qal li ser issir bejn is 6.00am u 1.00pm importanti li tinhasel it triq qabel u wara it tigrija. Il kunsilliera Valerie qalet li taghti in No Objection basta ma jkunx hemm mohqrija. **EMENDA *il Kunsilliera Valerie issuġġeriet li*** il kunsill ~~ser~~ joffri t tined tieghu biex ikunu ta ghajnuna kontra is shana. Sar Qbil dwar dan.

39.08.7 Il kunsillier Rene semma li hemm tabell fi triq ir Rebha biex titranġa ghax niżlet ma l art.

39.08.8 Il kunsillier Rene semma li in New Water gie ikkonfermat u li ser jibqa jitpoġġa. Talab li jekk irridu nipproponu xi triq jew trejqa fejn jista jitwassal. Issemma bejn Wied Simar u ta Gulju u ikompli ukoll ta Grunju.

39.08.9 Il kunsillier Rene rega semma dwar l istop signs tal kunċizzjoni biex isiru.

39.08.10 Il kunsillier Karl beda bil haxix hazin li hemm l isfel mill ground. Dan jaqa taht l MGOZ u ghalhekk tintbhat talba

39.08.11 Il kunsillier Karl semma li qalulu li t toilets ta Hondoq qed ikunu mahmugin f certa hinijiet. Is Sindku u s SE tennew li il cleaners tal kunsill qed ikunu hemm u jnaddfu aktar frekwenti.

39.08.12 Il kunsillier Karl qal hux ser tinghalaq dik it toqba li hemm fi triq San Guzepp. Il Sindlu qal li suppost ser tinghalaq hmistax qabel il festa. Minn dak in nhar tinghalaq il pjazza kif miftiehem u sar snin preċedenti.

39.08.13 Il kunsillier Karl qal hux pssibli li nnehhu dak il ġebel li hemm fil bajja ta Hondoq. Is Sindku qallu li ma halleniex innehhom mil ministeru.

39.08.14 Il kunsillier Karl semma fuq lis sports day li saret. Karl talab li din l attività tkun ghat tfal tal Qala. Is SE qal li billi kienet l ewwel darba ma hsibniex li ser ikun hemm daqshekk konkorrenza. Ghas sena li jmiss ha tinghata prominenza lit tfal tal Qala

39.08.15 Il kunsillier Karl ghalaq dwar il possibilità li tintalab il footage lin nies in nahha ta Kassia ghax qed tikber il problema tar rubbish. Ghandna nitolbu lil Community Police dwar din il kwistjoni.

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

39.08.16 Il kunsilliera Valerie bdiet biex jitnaddaf quddiem il folk museum speċjalment il hmiem tal hamiem

39.08.17 Il kunsilliera Valerie semmiet li l fanali tal pjazza qed ikunu mitfijien u li ghandan niehdu hsieb li jinxteghlu

39.08.18 Il kunsilliera Valerie semmiet li ir residenti ta Triq San Guzepp qed isaqsu meta ha jispiċċa il progett **ZIEDA *ta Triq San Guzepp, rigward moghdija ta pipijiet u xoghol iehor f dik il parti.***

39.08.19 Il kunsilliera Valerie saqsiet dwar **ZIEDA *il proposta taghha ta żmien*** il milied fejn is SE qal li ser isir Presepju gdid pjazza San Guzepp u iehor il Kuncizzjoni. **ZIEDA *Il kunsilliera Valeri ipproponiet ukoll li ir roundabout fid dahla tal Qala tibda tiżżejjen ukoll skon l okkazzjonijiet li jkun hemm matul is sena.*** Il kunsilliera Valeri ghalqet li importanti li l Xmax Tree tal Kuncizzjoni titpoġġa f post sew u ma jiġrux il kummidji tas sena l ohra.

39.09.20 Il kunsillier Rene talab ghal approvazzjoni biex jghid ilment iehor u gie aċċettat. Hu sema l is central strip ta triq il Wardija ghandha titnaddaf u l kunsilliera Valerie kompliet l is siġar jinghataw zabra.

39.09 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

39.09.1 Xi mistoqsijiet tniżżlu fil 39.08.

39.10 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

39.10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fil.5.21pm. Il-laqgħa li imiss giet skedata ghat tlieta 04 ta' Awwissu, 2026 fil-4:00 ta' filgħaxija, peress li il Vici Sindku ma setax fid data li kienet miftehma tal 21 ta Lulju 2026

39.10.2 Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv Jevon Attard.

Iffirmati

Paul Buttigieg
Sindku

Iffirmati

Jevon Attard
Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt